



Brussell, 27 ta' Novembru 2025
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0096 (COD)**

**15615/25
ADD 1**

**TRANS 559
CODEC 1854**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	14969/1/25 ADD 1 Pakkett dwar l-Affidabbiltà Stradali: Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dokumenti tar-reġistrazzjoni għall-vetturi u d-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi rreġistrati fir-reġistri nazzjonali tal-vetturi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE - Approċċ ġenerali

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-Anness I tal-proposta ta' hawn fuq.

Il-Parti I taċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni

1. Din il-parti tista' tiġi implimentata f'waħda miż-żewġ formati: bħala dokument fuq karta jew bħala smartcard. Il-karatteristiċi tal-verzjoni tad-dokument fuq karta huma speċifikati fil-punt 2 u dawk tal-verzjoni tal-ismartcard fil-punt 3.

Speċifikazzjonijiet tal-Parti I taċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni stampat fuq karta

- (a) Id-dimensjonijiet totali taċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni m'għandhomx jaqbu l-format A4 (210 × 297mm) jew folder A4.
- (b) Il-karta użata għall-Parti I taċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni għandu jkollha s-sigurtà kontra l-falsifikazzjoni bi mqar tnejn mit-tekniki li ġejjin:
 - (9) grafika,
- (ii) marka tal-ilma,
- (iii) fibri fluworexxenti, jew
- (iv) imprints fluworexxenti.

L-Istati Membri huma liberi li jintroduċu aspetti tas-sigurtà addizzjonali.

- (c) Il-Parti I taċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni jista' jkun fiha bosta paġni. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu n-numru tal-paġni skont l-informazzjoni li jkun hemm fid-dokument, u d-disinn tiegħu.
- (d) L-ewwel paġna tal-Parti I taċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni għandu jkun fiha:
 - (i) isem l-Istat Membru li joħroġ il-Parti I taċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni,

(ii) il-marka distintiva tal-Istat Membru li joffroq il-Parti I ta' Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni, b'mod partikolari:

B: Belġju

BG: Bulgarija

CZ: Repubblika Ċeka

DK: Danimarka

D: Ġermanja

EST: Estonja

GR: Greċja

E: Spanja

F: Franza

HR: Kroazja

IRL: Irlanda

I: Italja

CY: Ċipru

LV: Latvja

LT: Litwanja

L: Lussemburgu

H: Ungerija

M: Malta

NL: Netherlands

A: Awstrija

PL: Polonja

P: Portugall

RO: Rumanija

SLO: Slovenja

SK: Slovakkja

FIN: Finlandja

S: Żvezja

- (iii) isem l-awtorità kompetenti,
- (iv) il-kliem "Il-Parti I taċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni" jew, jekk iċ-ċertifikat ikun fih parti waħda biss, il-kliem "Iċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni" stampat b'ittri kbar bil-lingwa/i tal-Istati Membri li jkunu ħarġu iċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni; għandhom jidhru wkoll, wara spazju xieraq, b'tipa żgħira bil-lingwi l-oħra tal-Unjoni Ewropea,
- (v) il-kliem "L-Unjoni Ewropea" stampat bil-lingwa/i tal-Istat Membru li joħroġ il-Parti I taċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni,
- (vi) in-numru tad-dokument.
 - (e) il-Parti I taċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni għandu jkun fiha wkoll id-data li ġejja, preċeduta bil-kodiċijiet armonizzati korrispondenti tal-Unjoni:
 - (A) in-numru tar-reġistrazzjoni,
 - (B) id-data tal-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura,
 - (C) id-data personali,
 - (C.1) id-detentur taċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni,
 - (C.1.1) il-kunjom(ijiet) jew l-isem kummerċjali,
 - (C.1.2) l-ismijiet jew inizjali oħrajn (meta xieraq),
 - (C.1.3) l-indirizz fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni fid-data tal-ħruġ tad-dokument,
 - (C.1.4) imħassar,
 - (C.4) Fejn il-partikolaritajiet speċifikati fil-punt f, kodiċi C.2 ma jkunux inklużi fiċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni, referenza għall-fatt li d-detentur taċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni:
 - (a) hu sid il-vettura,
 - (b) mhux sid il-vettura,
 - (c) mhux identifikat miċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni bħala s-sid tal-vettura;
 - (D) il-vettura,
 - (D.1) l-għamla,
 - (D.2) it-tip,
 - varjant (jekk disponibbli),
 - verżjoni (jekk disponibbli),

- (D.3) deskrizzjoni(jiet) kummerċjali,
- (E) in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura,
- (F) il-massa,
- (F.1) il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli, ħliet għall-muturi,
- (G) il-massa tal-vettura fis-servizz mal-karozzerija, u mal-apparat ta' akkoppjament fil-każ ta' vettura tal-irmonk fis-servizz minn xi kategorija oħra għajr l-M1,
- (H) il-perjodu tal-validità, jekk mhux bla limitu,
- (I) id-data tar-reġistrazzjoni li għaliha jirreferi dan iċ-ċertifikat,
- (J) il-kategorija tal-vettura,
- (J.21) il-karozzerija,
- (K) in-numru tal-approvazzjoni tat-tip ta' vettura sħiħa jew in-numru tal-Approvazzjoni Individwali Ewropea (jekk disponibbli),
- (P) il-magna,
- (P.1) iċ-ċilindrata (fcm^3),
- (P.2) il-potenza massima netta (fkw) (jekk disponibbli),
- (P.3) it-tip ta' fjuwil jew is-sors tal-enerġija (jekk applikabbli),
- (Q) il-proporzjon tal-potenza u l-piż (fkw/kg) (għall-muturi biss),
- (S) kemm tesa' bilqiegħda,
- (S.1) l-għadd ta' sits, inkluż tas-sewwieq,
- (S.2) l-għadd ta' postijiet bilwieqfa (meta xieraq).

(V.7) is-CO₂ (fi g/km) jew Emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi, meta indikati fl-entrata 49.5 ta' Ċertifikat tal-Konformità tal-vetturi heavy-duty, kif definit fl-Appendiċi tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683¹ jew fl-entrata 49.5 ta' Ċertifikat tal-Approvazzjoni tal-vettura individwali, kif definit fl-Appendiċi 1 tal-Anness III ta' dak ir-Regolament,

(V.9) indikazzjoni tal-kategorija ambjentali tal-livell tal-emissjonijiet tal-egżost stabbilita fl-entrata 47 tal-parti 2 ta' Ċertifikat tal-Konformità, kif definit fl-Appendiċi tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683 jew fl-entrata 47 ta' Ċertifikat tal-Approvazzjoni tal-vettura individwali kif definit fl-Appendiċi 1 tal-Anness III ta' dak ir-Regolament,

(X) prova ta' suċċess fit-test tal-affidabilità stradali, id-data tat-test tal-affidabilità stradali li jmiss jew l-iskadenza ta' ċertifikat attwali fuq ċertifikati tar-reġistrazzjoni mobbli.

(f) il-Parti I ta' Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni, apparti dan, jista' jkun fiha d-data li ġejja, preċeduta mill-kodiċijiet armonizzati korrispondenti tal-Unjoni:

(C) id-data personali,

(C.1.4) l-indirizz elettroniku (e-mail) tad-detentur ta' ċertifikat tar-reġistrazzjoni,

(C.2) sid il-vettura (ripetuta skont kemm ikun hemm sidien),

(C.2.1) il-kunjom jew l-isem kummerċjali,

(C.2.2) l-ismijiet jew inizjali oħrajn (meta xieraq),

(C.2.3) l-indirizz fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni, fid-data tal-ħruġ tad-dokument,

(C.2.4) l-indirizz elettroniku (e-mail) tas-sid,

(C.3) il-persuna fiżika jew ġuridika li tista' tuża l-vettura bis-saħħa ta' dritt legali li mhux dak ta' sjieda,

(C.3.1) il-kunjom jew l-isem kummerċjali,

(C.3.2) l-ismijiet jew inizjali oħrajn (meta xieraq),

(C.3.3) l-indirizz fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni, fid-data tal-ħruġ tad-dokument,

¹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683 tal-15 ta' April 2020 li jimplementa r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti amministrattivi għall-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi (ĠU L 163, 26.5.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/683/oj).

(C.5), (C.6), (C.7), (C.8): meta bidla fid-data personali mogħtija fil-punt (e), il-kodiċijiet (C.1), (C.2) u/jew dan il-punt, il-kodiċi (C.3) ma twassalx għall-ħruġ ta' Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni ġdid, id-data personali l-ġdida li tikkorrispondi għal daww il-punti tista' tiddaħħal taħt il-kodiċijiet (C.5), (C.6), (C.7) jew (C.8); imbagħad dawn jinqasmu skont ir-referenzi fil-punt (e), il-kodiċijiet (C.1), (C.2), dan il-punt, il-kodiċi (C.3),

(F) il-massa,

(F.2) il-massa massima mgħobbija permissibbli tal-vettura fis-servizz fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni,

(F.3) il-massa massima mgħobbija permissibbli tal-vettura kollha fis-servizz fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni,

(L) l-għadd ta' fusien,

(M) il-bażi tar-roti (fmm),

(N) għall-vetturi b'massa totali iżjed minn 3 500kg, id-distribuzzjoni tal-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli fost il-fusien,

(N.1) il-fus 1 (fkg),

(N.2) il-fus 2 (fkg), meta xieraq,

(N.3) il-fus 3 (fkg), meta xieraq,

(N.4) il-fus 4 (fkg), meta xieraq,

(N.5) il-fus 5 (fkg), meta xieraq,

(O) il-massa massima rmunkabbli teknikament permissibbli tat-trejler,

(O.1) bil-brejkijiet (fkg),

(O.2) bla brejkijiet (fkg);

(P) il-magna,

(P.4) il-veloċità nominali (min^{-1}),

(P.5) in-numru ta' identifikazzjoni tal-magna,

(R) il-kulur tal-vettura,

(T) il-veloċità massima (fkm/h),

(U) il-livell tal-ħoss,

(U.1) meta wieqfa (f dB(A)),

(U.2) il-veloċità tal-magna (min^{-1}),

(U.3) meta misjuqa (f dB(A)),

- (V) l-emissjonijiet tal-egżost,
- (V.1) CO (f'g/km, mg/km, g/kWh jew mg/kWh),
- (V.2) THC (f'g/km, mg/km, g/kWh jew mg/kWh),
- (V.3) NO_x (f'g/km, mg/km, g/kWh jew mg/kWh),
- (V.4) THC + NO_x (f'g/km),
- (V.5) il-massa tal-materja partikolata (PM) (f'g/km jew g/kWh),
- (V.6) il-koeffiċjent tal-assorbiment ikkoreġut għad-diżil (f'min-1),
- (V.8) il-konsum tal-fjuwil ikkombinat (fl/100 km),
- (V.10) il-klassi tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-vetturi heavy-duty, iddeterminata waqt l-ewwel reġistrazzjoni, skont l-Artikolu 7ga(2) tad-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (5),
- (W) il-kapaċità tat-tank(ijiet) tal-fjuwil (flitri),
- (X) il-prova ta' suċċess fit-test tal-affidabilità stradali, id-data tat-test tal-affidabilità stradali li jmiss jew l-iskadenza taċ-ċertifikat attwali fuq ċertifikati tar-reġistrazzjoni fiżiċi.
- (g) L-Istati Membri jistgħu jinkludu informazzjoni addizzjonali fil-Parti I taċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni, b'mod partikolari jistgħu jżidu kodiċijiet nazzjonali addizzjonali bejn il-parenteżi tal-kodiċijiet tal-identifikazzjoni, kif stabbilit fil-punti (e) u (f).

3. **Speċifikazzjonijiet tal-Parti I ta' Ċertifikazzjoni tar-Reġistrazzjoni b'forma ta' smartcard** (Alternattiva għall-mudell b'format fuq karta, deskritt fil-punt 2)

(a) *Format tal-kard u data li tinqara bl-għajnejn*

Meta l-kard ikollha mikroproċessur, il-kard biċ-ċippa għandha tkun iddisinjata skont l-istandards imsemmija fil-punt (e). Id-data maħżuna fil-kard trid tkun tinqara b'apparati tal-qari normali (bħal kards takografiċi).

Fuq quddiem u wara tal-kard għandu jkun hemm stampat imqar id-data speċifikata fil-punt 2, il-punti (d) u (e); din id-data trid tkun tinqara bl-għajnejn (għoli minimu tal-karattri: 6 punti) u stampata fuqha kif ġej.

(i) **Imprint Bażiku**

Id-data bażika għandu jkun fiha dan li ġej:

Fuq quddiem

(1) Fuq il-lemin ta' fejn tkun iċ-ċippa:

bil-lingwa/i tal-Istat Membru li joħroġ iċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni

— il-kliem "L-Unjoni Ewropea",

— isem l-Istat Membru li joħroġ iċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni,

— il-kliem "Il-Parti I ta' Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni" jew, jekk iċ-ċertifikat ikun fih parti waħda biss, il-kliem "Iċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni" stampat b'ittri kbar,

— deżinjazzjoni (eż. nazzjonali preċedenti) oħra tad-dokument ekwivalenti (fakultattiva),

— isem l-awtorità kompetenti (inkella anki fil-forma ta' imprint personalizzat skont il-punt (ii)),

— in-numru konsekuttiv mhux ambigwu tad-dokument kif użat fl-Istat Membru (inkella anki fil-forma ta' imprint personalizzat skont il-punt (ii)),

(2) Fuq in-naħa ta' fuq ta' fejn tkun iċ-ċippa:

il-marka distintiva tal-Istat Membru li jidhergħ iċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni, bajda għo rettangolu blu mdawra bi tnaħ-il stilla safra:

B: Belġju

BG: Bulgarija

CZ: Repubblika Ċeka

DK: Danimarka

D: Ġermanja

EST: Estonja

GR: Il-Greċja

E: Spanja

F: Franza

HR: iKroazja

IRL: Irlanda

I: Italja

CY: Ċipru

LV: Latvja

LT: Litwanja

L: Lussemburgu

H: Ungerija

M: Malta

NL: Netherlands

A: Awstrija

PL: Polonja

P: Portugall

RO: Rumanija

SLO: Slovenja

SK: Slovakkja

FIN: Finlandja

S: Żvezja

- (3) l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jżidu, fit-tarf t'isfel b'tipa żgħira u bil-lingwa/i nazzjonali tagħhom, in-nota: "Dan id-dokument għandu jinħoloq għal kull persuna awtorizzata li titolbu."
- (4) Il-kulur bażiku tal-kard hu l-aħdar (Pantone 362); inkella tista' tintuża tkangija mill-aħdar għall-abjad.
- (5) Fil-parti tal-istampar fir-rokna xellugija t'isfel fuq quddiem tal-kard għandu jiġi stampat simbolu li jirrappreżenta rota (ara d-disinn propost fl-Illustrazzjoni 1).
- (6) F'każijiet oħra, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-punt (m).

(ii) Imprint ta' Personalizzazzjoni

L-imprint ta' personalizzazzjoni għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

Fuq quddiem

- (1) Isem l-awtorità kompetenti – ara wkoll il-punt (i),
- (2) Isem l-awtorità li toħroġ iċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni (fakultattiv),
- (3) In-numru konsekuttiv mhux ambigwu tad-dokument kif użat fl-Istat Membru – ara wkoll il-punt (i),
- (4) Id-data li ġejja mill-punt 2, il-punt (e),
- (5) skont il-punt 2, il-punt (g), mal-kodiċijiet armonizzati tal-Unjoni preċedenti jistgħu jiżiedu kodiċijiet nazzjonali individwali.
 - (A) in-numru tar-reġistrazzjoni (numru uffiċjali tal-liċenzja)
 - (B) id-data tal-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura
 - (C) data tar-reġistrazzjoni li għaliha jirreferi dan iċ-ċertifikat
 - (C.1) id-detentur taċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni
 - (C.1.1) il-kunjom jew l-isem kummerċjali
 - (C.1.2) ismijiet oħrajn jew inizjali (meta xieraq)
 - (C.1.3) indirizz fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni fid-data tal-ħruġ tad-dokument
 - (C.4) Fejn il-partikolaritajiet speċifikati fil-punt f, kodiċi C.2 ma jkunux inklużi fiċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni, referenza għall-fatt li d-detentur taċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni:
 - (a) hu sid il-vettura,
 - (b) mhux sid il-vettura,
 - (c) mhux identifikat miċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni bħala s-sid tal-vettura;

Fuq wara

Fuq wara għandu jkun hemm imqar il-bqija tad-data speċifikata fil-punt 2, il-punt (e).

Skont il-punt 2, il-punt (g), mal-kodiċijiet armonizzati tal-Unjoni preċedenti jistgħu jiżdiedu kodiċijiet nazzjonali individwali.

Fid-dettall, din id-data hi:

Data tal-Vettura (b'kunsiderazzjoni tan-noti fil-punt 2, il-punt (e))

(D.1) l-għamla,

(D.2) it-tip (varjant/verżjoni, metan xieraq),

(D.3) deskrizzjoni(jiet) kummerċjali,

(E) in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura,

(F) il-massa,

(F.1) il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli, ħlief għall-muturi (f'kg),

(G) il-massa tal-vettura fis-servizz mal-karozzerija, u mal-apparat ta' akkoppjament fil-każ ta' vettura tal-irmonk fis-servizz minn xi kategorija oħra għajr l-M1 (f'kg),

(H) il-perjodu tal-validità, jekk mhux bla limitu,

(J) il-kategorija tal-vettura₂

(J.1) il-karozzerija,

(K) in-numru tal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha (jekk disponibbli),

(P.1) iċ-ċilindrata (cm³),

(P.2) il-potenza nominali (kW),

(P.3) it-tip ta' fjuwil jew is-sors tal-enerġija,

(Q) il-proporzjon tal-potenza u l-piż (f'kW/kg) (għall-muturi biss),

(S.1) l-għadd ta' sits, inkluż tas-sewwieq,

(S.2) l-għadd ta' postijiet bilwieqfa (meta xieraq).

(V.7) is-CO₂ (fi g/km) jew l-emissjonijiet tas-CO₂ Speċifiċi, meta indikati fl-entrata 49.5 ta' Ċertifikat tal-Konformità tal-vetturi heavy-duty, kif definit fl-Appendiċi tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683 jew fl-entrata 49.5 ta' Ċertifikat tal-Approvazzjoni tal-vettura individwali, kif definit fl-Appendiċi 1 tal-Anness III ta' dak ir-Regolament,

(V.9) indikazzjoni tal-livell tal-emissjonijiet tal-egżost stabbilit fl-entrata 47 tal-parti 2 ta' Ċertifikat tal-Konformità, kif definit fl-Appendiċi tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683 jew fl-entrata 47 ta' Ċertifikat tal-Approvazzjoni tal-vettura individwali kif definit fl-Appendiċi 1 tal-Anness III ta' dak ir-Regolament,

(X) prova ta' suċċess fit-test tal-affidabilità stradali, id-data tat-test tal-affidabilità stradali li jmiss jew l-iskadenza ta' ċertifikat attwali.

Fuq wara tal-kard tista' tiżdied b'mod fakultattiv ukoll data addizzjonali mill-punt 2, il-punt (f) (bil-kodiċijiet armonizzati) u mill-punt 2, il-punt (g).

(iii) Karatteristiċi fiżiċi tas-sigurtà tal-ismartcard

It-theddid għas-sigurtà fiżika tad-dokumenti huma:

(1) Produzzjoni ta' kards foloz: meta jinħoloq oġġett ġdid li jkun jixbah ferm lid-dokument, billi jinbena mil-bidu nett jew jiġi kkupjat minn dokument oriġinali.

(2) Bidla materjali: meta tinbidel karatteristiku ta' dokument oriġinali, eż. meta tinbidel parti mid-data stampata fuq id-dokument.

Il-materjal użat għall-Parti I ta' Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni għandu jkollu s-sigurtà kontra l-falsifikazzjoni bi mqar tlieta mit-tekniki li ġejjin:

- mikrostampar,
- stampar guilloche*,
- stampar irridexxenti,
- inċiżjoni bil-laser,
- linka fluworexxenti ultravjola,
- linka bil-kulur dipendenti skont l-angolu viżiv*,
- linka bil-kulur dipendenti skont it-temperatura*,
- ologrammi magħmulin skont ir-rieda tal-klijent*,
- immaġnijiet varjabbi tal-laser,
- immaġnijiet varjabbli ottiċi.

L-Istati Membri huma liberi li jintroduċu aspetti tas-sigurtà addizzjonali.

Bħala bażi, it-tekniki indikati bl-asterisk għandhom jingħataw preferenza għax dawn jippermettu lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jivverifikaw il-validità tal-kards mingħajr mezzi speċjali.

(b) Ħżin u protezzjoni tad-data

Preċeduti bil-kodiċijiet komuni armonizzati (meta xieraq, b'rabta mal-kodiċijiet individwali tal-Istati Membri skont il-punt 2, il-punt (g)), id-data li ġejja għandha jew tista' tinħażen addizzjonalment fuq il-wiċċ tal-kard bl-informazzjoni li tinqara skont il-punt (a):

(i) Id-data skont il-punt 2, il-punti (d) u (e).

Id-data kollha speċifikata fil-punt 2, il-punti (d) u (e) għandha tinħażen b'mod obligatorju fil-kard.

(ii) Data oħra skont il-punt 2, il-punt (f).

Barra minn hekk, l-Istati Membri huma liberi li jirreġistraw aktar data skont il-punt 2, il-punt (f) skont il-ħtieġa.

(iii) Data oħra skont il-punt 2, il-punt (g).

Fil-kard tista' tinħażen b'mod fakultattiv informazzjoni addizzjonali.

Id-data mill-punti (i) u (ii) tinħażen f'żewġ fajls korrispondenti bi struttura trasparenti (ara ISO/IEC 7816-4). L-Istati Membri jistgħu jispeċifikaw il-ħżin tad-data mill-punt (iii) skont il-ħtiġijiet tagħhom.

Dawn il-fajls m'għandhomx restrizzjonijiet tal-qari.

L-aċċess għall-kitba fuq dawn il-fajls għandu jkun ristrett għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (u għall-aġenziji awtorizzati tagħhom) fl-Istat Membru li joħroġ is-smartcard.

L-aċċess għall-kitba hu permess biss wara awtentikazzjoni asimmetrika bi skambju tal-kjavi tas-sessjoni biex tiġi protetta s-sessjoni bejn il-kard tar-reġistrazzjoni tal-vettura u modulu tas-sigurtà (eż. kard ta' modulu tas-sigurtà) tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali (jew tal-aġenziji awtorizzati tagħhom). B'hekk, iċ-ċertifikati verifikabbli tal-kard skont ISO/IEC 7816-8 jiġu skambjati qabel il-proċess tal-awtentikazzjoni. Iċ-ċertifikati verifikabbli tal-kard ikun fihom il-kjavi pubbliċi korrispondenti li jridu jinkisbu u jintużaw fil-proċess tal-awtentikazzjoni sussegwenti. Dawn iċ-ċertifikati ikunu ffirmati mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u jkun fihom oġġett tal-awtorizzazzjoni (awtorizzazzjoni tad-detentur taċ-ċertifikat) skont ISO/IEC 7816-9 biex fil-kard tiġi kodifikata awtorizzazzjoni speċifika tar-rwol. Din l-awtorizzazzjoni tar-rwol hi relatata mal-awtorità kompetenti nazzjonali (eż. biex tiġi aġġornata entrata tad-data).

Il-kjavi pubbliċi korrispondenti tal-awtorità kompetenti nazzjonali jkunu rreġistrati fil-kard bħala ankra ta' fiduċja (kjavi pubblika bażi).

L-ispeċifikazzjoni tal-fajls u tal-kmandi meħtieġa għall-proċess tal-awtentikazzjoni u l-proċess tal-kitba hi fir-responsabbiltà tal-Istati Membri. L-assigurazzjoni tas-sigurtà trid tkun approvata wara evalwazzjoni bi kriterji komuni skont l-EAL4+. L-awmentazzjonijiet huma dawn: 1. AVA_MSU.3 Analiżi u ttestjar għal stati mhux sikuri; 2. AVA_VLA.4 Reżistenti ħafna.

(iv) Data għall-verifika tal-awtentiċità tad-data tar-reġistrazzjoni

L-awtorità tal-ħruġ tikkalkola l-firma elettronika tagħha dwar id-data sħiħa ta' fajl li jkun fih id-data tal-punti (i) u (ii) u tażintha f'fajl relatat. Dawn il-firem jippermettu l-verifika tal-awtentiċità tad-data maħżuna. Il-kards għandhom jaħżnu d-data li ġejja:

(1) il-firma elettronika tad-data tar-reġistrazzjoni relatata mal-punt (i),

(2) il-firma elettronika tad-data tar-reġistrazzjoni relatata mal-punt (ii).

Għal verifika ta' dawn il-firem elettroniċi, il-kard għandha taħżen:

(1) ċertifikati tal-awtorità tal-ħruġ li tikkalkula l-firem dwar id-data tal-punti (i) u (ii).

Il-firem elettroniċi u ċ-ċertifikati għandhom ikunu jistgħu jinqraw mingħajr restrizzjoni. L-aċċess għall-kitba għall-firem elettroniċi u ċ-ċertifikati għandu jkun ristrett għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

(c) *Interfaċċa*

Għall-interfaċċar għandhom jintużaw kuntatti esterni. B'mod fakultattiv, jista' jkun hemm kombinament ta' kuntatti esterni u transponder.

(d) *Kapaċità tal-ħżin tal-kard*

Il-kard għandu jkollha kapaċità biżżejjed biex taħżen id-data msemmija fil-punt (b).

(e) *Standards*

Il-kard biċ-ċippa u l-apparati tal-qari użati għandhom ikunu konformi mal-livelli stabbiliti li ġejjin:
ISO 7810: Standards għall-kards tal-identifikazzjoni (kards tal-plastik): Karatteristiċi fiżiċi,
ISO 7816-1 u -2: Karatteristiċi fiżiċi tal-kards biċ-ċippa, dimensjonijiet u lokazzjoni tal-kuntatti,
ISO 7816-3: Karatteristiċi elettriki tal-kuntatti, protokoll tat-trażmissjoni,
ISO 7816-4: Kontenuti tal-komunikazzjoni, struttura tad-data tal-kard biċ-ċippa, arkitettura tas-sigurtà, mekkaniżmi tal-aċċess,
ISO 7816-5: Struttura tal-identifikaturi tal-applikazzjoni, għażla u eżekuzzjoni tal-identifikaturi tal-applikazzjoni, proċedura tar-reġistrazzjoni għall-identifikaturi tal-applikazzjoni (sistema numerika),
ISO 7816-6: Elementi tad-data interindustrijali għal skambju bejniethom,
ISO 7816-8: Kards b'ċirkwit(i) integrati u b'kuntatti - Kmandi interindustrijali relatati mas-sigurtà,
ISO 7816-9: Kards b'ċirkwit(i) integrati u b'kuntatti - Kmandi interindustrijali msaħħin.

(f) Karatteristiċi Tekniċi u Protokoll tat-Trażmissjoni

Il-format għandu jkun ID-1 (daqs normali, ara ISO/IEC 7810).

Il-kard għandha tappoġġa protokoll tat-trażmissjoni T=1 f'konformità ma' ISO/IEC 7816-3. Apparti dan, jistgħu jiġu appoġġati protokoll oħra tat-trażmissjoni, eż. T=0, USB jew protokoll bla kuntatt. Għal trażmissjoni tal-bits, għandha tiġi applikata l-"konvenzjoni diretta" (ara ISO/IEC 7816-3).

(i) Vultaġġ tal-provvista, vultaġġ tal-ipprogrammar

Il-kard għandha taħdem b' $V_{cc} = 3V (+/0.3V)$ jew b' $V_{cc} = 5V (+/0,5V)$. Il-kard m'għandhiex tkun teħtieġ vultaġġ tal-ipprogrammar fil-ponta C6.

(ii) Twieġeb għal reset

Il-byte tad-Daqs tal-Entrata tal-Infurmazzjoni tal-Kard għandha tiġi ppreżentata fl-ATR b'karattri TA3. Dan il-valur għandu jkun imqar "80h" (=128 bytes).

(iii) Għażla tal-parametru tal-protokoll

L-appoġġ tal-Għażla tal-parametru tal-protokoll (GPP) skont ISO/IEC 7816-3 hu obligatorju. Dan jintuża biex jintgħażel T=1, jekk fil-kard ikun hemm ukoll T=0, u biex jiġu nnegożjati l-parametri Fi/Di biex jinkisbu rati tat-trażmissjoni akbar.

(iv) Protokoll tat-trażmissjoni T=1

L-appoġġ taċ-chaining hu obligatorju.

Is-simplifikazzjonijiet li ġejjin huma permessi:

- (1) Byte NAD: ma tintużax (in-NAD għandu jkun "00"),
- (2) S-Block ABORT: mhux użat,
- (3) S-Block VPP state error: mhux użat.

L-apparat tad-daqs tal-entrata tal-informazzjoni (IFSD) għandu jiġi indikat mill-IFD minnufih wara l-ATR, jiġifieri l-IFD għandu jibgħat it-Talba tal-IFS tal-Blokk-S wara l-ATR u l-kard għandha tibgħat lura l-IFS tal-Blokk-S. Il-valur rakkomandat għall-IFSD hu 254 bytes.

(g) *Firxa tat-temperatura*

Iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni b'forma ta' smartcard għandu jiffunzjona tajjeb f'kull kundizzjoni klimatika li jkun hemm normalment fit-territorji tal-Unjoni u mqar fil-firxa tat-temperatura speċifikata f'ISO 7810. Il-kards għandhom ikunu kapaċi jiffunzjonaw tajjeb fil-firxa tal-umdità minn 10% sa 90%.

(h) *Tul tal-ħajja fiżika*

Jekk tintuża skont l-ispeċifikazzjonijiet ambjentali u relatati mal-elettriku, il-kard għandha tiffunzjona tajjeb għal perjodu ta' għaxar snin. Il-materjal tal-kard irid jintgħażel b'mod li jkun żgurat dan it-tul tal-ħajja.

(i) *Karatteristiċi elettriċi*

Waqit it-tħaddim, il-kards għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² relatati mal-kompatibbiltà elettromanjetika, u għandhom ikunu protetti mill-iskariki elettrostatiċi.

(j) *Struttura tal-fajl*

² Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2144/oj>).

It-Tabella 1 telenka l-fajls elementari (EF) obbligatorji tal-applikazzjoni DF (ara ISO/IEC 7816-4) DF.Registration. Dawn il-fajls ilkoll għandhom struttura trasparenti. Ir-rekwiżiti tal-aċċess huma deskritti fil-punt (b). Id-daqsijiet tal-fajls jispeċifikawhom l-Istati Membri skont il-ħtiġijiet tagħhom.

Tabella 1

Isem il-fajl	Identifikatur tal-Fajl	Deskrizzjoni
EF.Registration_A	'D001'	Id-data tar-reġistrazzjoni skont il-punt 2, il-punti (d) u (e)
EF.Signature_A	'E001'	Firma Elettronika dwar il-kontenut tad-data sħiħa tal-EF.Registration_A
EF.C.IA_A.DS	'C001'	X.509v3 Ċertifikat tal-awtorità tal-ħruġ li tikkalkula l-firem għal EF.Signature_A
EF.Registration_B	'D011'	Id-data tar-reġistrazzjoni skont il-punt 2, il-punt (f)
EF.Signature_B	'E011'	Firma Elettronika dwar il-kontenut tad-data sħiħa tal-EF.Registration_B
EF.C.IA_B.DS	'C011'	X.509v3 Ċertifikat tal-awtorità tal-ħruġ li tikkalkula l-firem għal EF.Signature_B

(k) *Struttura tad-data*

Iċ-ċertifikati maħżuna huma fil-format X.509v3 skont ISO/IEC 9594-8. Il-firem elettroniċi huma maħżuna b'mod trasparenti.

Id-data tar-reġistrazzjoni tinħażen bħala oġġetti tad-data BER-TLV (ara ISO/IEC 7816-4) fil-fajls elementari korrispondenti. L-entrati tal-valur huma kodifikati bħala karattri ASCII kif definit f'ISO/IEC 8824-1, il-valuri "C0"- "FF" huma definiti f'ISO/IEC 8859-1 (Sett tal-karattri Latin1), f'ISO/IEC 8859-2 (Sett tal-karattri Latin2 tal-Ewropa Ċentrali), f'ISO/IEC 8859-7 (Sett tal-karattri Griegi) jew f'ISO/IEC 8859-5 (Sett tal-karattri Ċirilliċi). Il-format tad-dati hu SSSSXXJJ.

It-Tabella 2 telenka t-Tikketti li jidentifikaw l-oġġetti tad-data li jikkorrispondu għad-data tar-reġistrazzjoni tal-punt 2, il-punti (d) u (e) flimkien ma' data addizzjonali mill-punt (a). Ħlief meta ddikjarat mod ieħor, l-oġġetti tad-data elenkati fit-Tabella 2 huma obbligatorji. L-oġġetti tad-data fakultattivi jistgħu jitħallew barra. Il-kolonna tat-Tikketta tindika l-livell tal-inkorporazzjoni.

Tabella 2

Tikketta	Tikketta	Tikketta	Tikketta	Deskrizzjoni
'78'				Awtorità tal-allokkazzjoni tat-tikketta kompatibbli, oġġett tal-inkorporazzjoni "4F" (ara ISO/IEC 7816-4 u ISO/IEC 7816-6)
	'4F'			Identifikatur tal-applikazzjoni (ara ISO/IEC 7816-4)
'71'				Mudell interindustrijali (ara ISO/IEC 7816-4 u ISO/IEC 7816-6) li jikkorrispondi għad-data obligatorja tal-Parti 1 taç-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni, li jinkorpora l-oġġetti kollha li ġejjin
	'80'			Verżjoni tad-definizzjoni tat-Tikketta
	'9F33'			Isem l-Istat Membru li joħroġ il-Parti 1 taç-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni
	'9F34'			Deżinjazzjoni (eż. nazzjonali preċedenti) oħra tad-dokument ekwivalenti (fakultattiva)
	'9F35'			Isem l-awtorità kompetenti
	'9F36'			Isem l-awtorità li toħroġ iç-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni (fakultattiv)
	'9F37'			Sett tal-karattri użat: '00': ISO/IEC 8859-1 (Sett tal-karattri Latin1) <u>ISO/IEC 8859-2 (Sett tal-karattri Latin2 tal-Ewropa Ċentrali)</u> '01': ISO/IEC 8859-5 (Sett tal-karattri Ċirilliċi) '02': ISO/IEC 8859-7 (Sett tal-karattri Griegi)
	'9F38'			Numru konsekuttiv mhux ambigwu tad-dokument kif użati fl-Istat Membru

Tikketta	Tikketta	Tikketta	Tikketta	Deskrizzjoni
	'81'			Numru tar-reġistrazzjoni
	'82'			Data tal-ewwel reġistrazzjoni
	'A1'			Data personali, oġġetti tal-inkorporazzjoni "A2" u "86"
		'A2'		Detentur taċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni, oġġetti tal-inkorporazzjoni "83", "84" u "85"
			'83'	Kunjom jew isem kummerċjali
			'84'	Ismijiet jew inizjali oħrajn (fakultattiva)
			'85'	Indirizz fl-Istat Membru
		'86'		'00': hu sid il-vettura '01': mhux sid il-vettura '02': mhux identifikat bħala sid il-vettura
	'A3'			Vettura, oġġetti tal-inkorporazzjoni "87", "88" u "89"
		'87'		Għamla tal-vettura
		'88'		Tip tal-vettura
		'89'		Deskrizzjonijiet kummerċjali tal-vettura
	'8A'			Numru ta' identifikazzjoni tal-vettura
	'A4'			Massa, oġġett tal-inkorporazzjoni "8B"
		'8B'		Massa massima mgħobbija teknikament permissibbli
	'8C'			Massa tal-vettura fis-servizz mal-karozzerija
	'8D'			Perjodu tal-validità
	'8E'			Data tar-reġistrazzjoni li għaliha jirreferi dan iċ-ċertifikat
	'8F'			Numru tal-approvazzjoni tat-tip
	'A5'			Magna, oġġetti tal-inkorporazzjoni "90", "91" u "92"
		'90'		Ċilindrata
		'91'		Potenza netta massima tal-magna
		'92'		Tip ta' fjuwil tal-magna

Tikketta	Tikketta	Tikketta	Tikketta	Deskrizzjoni
	'93'			Proporzjon tal-potenza u l-piż
				Kemm tesa' bilqiegħda, oġġetti tal-inkorporazzjoni "94" u "95"
		'94'		Għadd ta' sits
		'95'		Għadd ta' postijiet bilwieqfa

It-Tabella 3 telenka t-Tikketti li jidentifikaw l-oġġetti tad-data li jikkorrispondu għad-data tar-reġistrazzjoni tal-punt 2, il-punt (f). L-oġġetti tad-data elenkati fit-Tabella 3 huma fakultattivi.

Tabella 3

Tikketta	Tikketta	Tikketta	Tikketta	Deskrizzjoni
'78'				Awtorità tal-allokkazzjoni tat-tikketta kompatibbli, oġġett tal-inkorporazzjoni "4F" (ara ISO/IEC 7816-4 u ISO/IEC 7816-6)
	'4F'			Identifikatur tal-Applikazzjoni (ara ISO/IEC 7816-4)
'72'				Mudell interindustrijali (ara ISO/IEC 7816-4 and ISO/IEC 7816-6) li jikkorrispondi għal data fakultattiva tal-Parti 1 ta' Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni, il-Kapitolu II.6, li

Tikketta	Tikketta	Tikketta	Tikketta	Deskrizzjoni
				jinkorpora dawn l-oġġett kollha li għejjin
	'80'			Verżjoni tad- definizzjoni tat-Tikketta
	'A1'			Oġġetti tal- inkorporazzjo ni tad-data personali "A7", "A8" u "A9"
		'A7'		Sid il-vettura, oġġetti tal- inkorporazzjo ni "83", "84" u "85"
			..	
		'A8'		It-tieni sid tal-vettura, oġġetti tal- inkorporazzjo ni "83", "84" u "85"
			..	
		'A9'		Persuna li tista' tuża l- vettura bis- saħħa ta' dritt legali li mhux dak ta' sjieda,

Tikketta	Tikketta	Tikketta	Tikketta	Deskrizzjoni
				oġġetti tal-inkorporazzjoni "83", "84" u "85"
			..	
	'A4'			Massa, oġġetti tal-inkorporazzjoni "96" u "97"
		'96'		Massa massima mgħobbija permissibbli tal-vettura fis-servizz
		'97'		Massa massima mgħobbija permissibbli tal-vettura sħiħa fis-servizz
	'98'			Kategorija tal-vettura
	'99'			Għadd ta' fusien
	'9A'			Bażi tar-roti
	'AD'			Distribuzzjoni tal-massa massima mgħobbija permissibbli fost il-fusien,

Tikketta	Tikketta	Tikketta	Tikketta	Deskrizzjoni
				oġġetti tal-inkorporazzjoni "9F1F", "9F20", "9F21", "9F22" u "9F23"
		'9F1F'		Fus 1
		'9F20'		Fus 2
		'9F21'		Fus 3
		'9F22'		Fus 4
		'9F23'		Fus 5
	'AE'			Massa massima rmunkabbli teknikament permissibbli tat-trejler, oġġetti tal-inkorporazzjoni "9B" u "9C"
		'9B'		Bil-brejkijiet
		'9C'		Bla brejkijiet
	'A5'			Magna, oġġetti tal-inkorporazzjoni "9D" u "9E"
		'9D'		Veloċità nominali

Tikketta	Tikketta	Tikketta	Tikketta	Deskrizzjoni
		'9E'		Numru ta' identifikazzjo ni tal-magna
	'9F24'			Kulur tal-vettura
	'9F25'			Veloċità massima
	'AF'			Livell tal-ħoss, oġġetti tal-inkorporazzjo ni "DF26", "DF27" u "DF28"
		'9F26'		Wieqfa
		'9F27'		Veloċità tal-magna
		'9F28'		Misjuqa
	'B0'			Emissjonijiet tal-egżost, oġġetti tal-inkorporazzjo ni "9F29", "9F2A", "9F2B", "9F2C", "9F2D", "9F2E", "9F2F", "9F30" u "9F31"
		'9F29'		CO
		'9F2A'		HC

Tikketta	Tikketta	Tikketta	Tikketta	Deskrizzjoni
		'9F2B'		NO _x
		'9F2C'		HC+NO _x
		'9F2D'		Partikolati tad-diżil
		'9F2E'		Koeffiċjent tal-assorbiment ikkoreġut għad-diżil
		'9F2F'		CO ₂
		'9F30'		Konsum tal-fjuwil ikkombinat
		'9F31'		Indikazzjoni tal-kategorija ambjentali tal-approvazzjoni tat-tip KE
	'9F32'			Kapaċità tat-tankijiet tal-fjuwil

L-istruttura u l-format tad-data skont il-punt 2, il-punt (g) huma speċifikati mill-Istati Membri.

(l) *Qari tad-data tar-reġistrazzjoni*

(i) Għażla tal-Applikazzjoni

L-applikazzjoni "Reġistrazzjoni tal-Vettura" għandha tkun tista' tintgħażel b'SELECT DF (skont l-isem, ara ISO/IEC 7816-4) bl-identifikatur tal-applikazzjoni (AID) tagħha. Il-valur AID jintalab minn laboratorju magħżul mill-Kummissjoni Ewropea.

(ii) Qari tad-data mill-fajls

Il-fajls li jikkorrispondu għall-punt 2, il-punti (d), (e) u (f) għandhom ikunu jistgħu jintgħażlu b'SELECT (ara ISO/IEC 7816-4) bil-parametri tal-kmand P1 issettjata għal "02", P2 issettjata għal "04" u l-entrata tad-data tal-kmand li fiha l-identifikatur tal-fajl (ara l-punt (j), it-Tabella 1). Il-mudell FCP ritornat jinkludi d-daqs tal-fajl li jista' jkun utli biex jinqraw dawn il-fajls.

Dawn il-fajls għandhom ikunu jistgħu jinqraw b'READ BINARY (ara ISO/IEC 7816-4) b'entrata tad-data tal-kmand assenti, u Le ssettjata skont it-tul tad-data mistennija, permezz ta' Le qasira.

(iii) Verifika tal-awtentiċità tad-data

Għal verifika tal-awtentiċità tad-data tar-reġistrazzjoni maħżuna, tista' tiġi verifikata l-firma elettronika korrispondenti. Dan ifisser li minbarra d-data tar-reġistrazzjoni, il-firma elettronika korrispondenti tista' tinqara wkoll mill-kard tar-reġistrazzjoni.

Il-kjavi pubblika għall-verifika tal-firma tista' tinkiseb billi jinqara ċ-ċertifikat tal-awtorità tal-ħruġ korrispondenti mill-kard tar-reġistrazzjoni. Iċ-ċertifikati jkun fihom il-kjavi pubblika u l-identità tal-awtorità korrispondenti. Il-verifika tal-firma tista' ssir b'sistema oħra li mhix il-kard tar-reġistrazzjoni.

L-Istati Membri huma liberi li jiksbu l-kjavi pubbliċi u ċ-ċertifikati biex jivverifikaw iċ-ċertifikat tal-awtorità tal-ħruġ.

(m) *Dispożizzjonijiet speċjali*

Irrispettivament mid-dispożizzjonijiet l-oħra hawnhekk, l-Istati Membri, wara li jinnotifikaw lill-Kummissjoni Ewropea, jistgħu iżidu xi kuluri, marki jew simboli. Apparti dan, għal ċertu data tal-punt (b)(iii), l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-format XML u l-aċċess permezz tat-TCP/IP.

L-Istati Membri jistgħu, bi ftehim mal-Kummissjoni Ewropea, iżidu applikazzjonijiet oħrajn li għalihom ma jkunx hemm regoli jew dokumenti armonizzati fil-livell tal-UE (eż. ċertifikat tal-affidabbiltà stradali), fuq il-kard tar-reġistrazzjoni tal-vetturi biex iwettqu servizzi addizzjonali relatati mal-vetturi.